MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

## ONOR. IMHALLEF MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 45/2000/1

Valcall Limited

Vs

ALT Services Limited u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2000 giet kjamata in kawza l-kumpanija Tip-Top Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Jannar 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li l-kumpanija konvenuta minn April 1995 kienet tikri minghand il-kumpanija attrici l-fond sitwat fil-"lower basement floor" formanti parti minn Valletta Buildings, South Street, Valletta u damet tokkupah sat-30 ta' Gunju 1997; illi ghall-perjodu li fih il-kumpanija konvenuta kienet inkwilina fl-istess fond kien hemm kont pendenti ta' dawl u ilma ghall-ammont ta' elf u wiehed u ghoxrin lira maltija u tnejn u ghaoxrin centezimu LM1,021.22) li l-istess kumpanija konvenuta naqset li thallas nonostante li giet interpellata taghmel dan diversi drabi; illi l-istess kont

sussegwentement thallas mill-kumpanija attrici peress illi hija giet interpellata taghmel dan mill-EneMalta Corporation u Water Services Corporation bhala s-sid tal-fond in kwistjoni; talbet li din il-Qorti:-
1. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ LM1021.22 dovuta kif fuq inghad liema kont thallas mill-istess kumpanija attrici.

Bl-ispejjes kontra l-kumpanija konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjeta’ Tip Top Limited.

Rat li s-socjeta’ konvenuta u dik kjamata in kawza debitament notifikati naqsu li jippresentaw noti ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk llum jinsabu kontumaci.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Jannar 2001 meta giet milqugha t-talba tas-socjeta’ konvenuta dwar in-nuqqas ta’ notifika tac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Alt Services Ltd li permezz taghha eccepiet:-
1. illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ attrici stante li l-attrici ma hallsitx is-somma mitluba fic-citazzjoni.
2. Illi s-somma reklamata hija ezagerata u tirriferi ghall-perjodu itwal minn dak li s-socjeta’ konvenuta ghamlet tikri u tokkupa l-fond in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-8 ta’ Marzu 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Bi skrittura privata tal-21 ta’ April 1995 is-socjeta’ konvenuta kriet minghand is-socjeta’ attrici Lower Basement Floor b’entratura minn Old Mint Street, formanti part minn Valletta Buildings, South Street, Valletta ghal perjodu ta’ sentejn renovabbli kif indikat fl-istess kuntratt u bl-obbligazzjoni, fost ohrajn, li thallas “all water and electricity consumed in their portion of the premises and the relative meter rents.” Fuq l-istess skrittura dehret ukoll is-socjeta’ Tip-Top Ltd li dahlet garanti solidali mal-inkwilin ghall-obbligi kontenuti fl-imsemmija skrittura.

Fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni Karl Calleja ikkonferma u f’dan ma hemmx kontestazzjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta li din okkupat l-imsemmi fond bejn id-data tal-iskrittura u t-30 ta’ Gunju 1997 u li ghal dan il-perjodu kien hemm kont ghal-konsum tad-dawl u ilma inkluz l-prezz tal-meter rentals fis-somma ta’ LM1,021.22 kif jidher mill-kontijiet li gew ezebiti. Ix-xhud ukoll ikkonferma li dan l-ammont gie imhallas minnu kif jidher mir-ricevuta a fol 69 tal-process u dana peress li bhala sid il-fond huwa kien responsabbli ghal pagament u kienet qed issir insistenza mill-korporazzjonijiet relattivi.

Is-socjeta’konvenuta ma resqet ebda prova kontrarja kontra l-pretensjoni attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija billi wkoll jirrizulta li t-talba attrici hija gustifikata, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, din il-Qorti qedha tilqa’ t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ALT Services Limited, bhala debitur principali u lis-socjeta’ Tip-

Top Ltd bhala garanti solidali, jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf wiehed u ghoxrin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezimu (LM1021.22) dovuta kif fuq inghad bl-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri